MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## MARIO SCERRI

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2007

Talba Numru. 8/2007

Michael Spiteri, u Mary Jane Azzopardi u r-ragel taghha Carmelo sive Charles Azzopardi

vs

John Buttigieg

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk :-

Peress illi l-kovenut ghandu jaghti lill-attur is-somma ta' mija u wiehed u sebghin liri Maltin u wiehed u disghin centesmi (Lm171.91), rapprezentanti nofs l-ispejjez tal-kawza : Ctazzjoni Numru 30/2000, fl-ismijiet : Michael Spiteri et vs John Buttigieg, u tal-kontro-mandat ta' Sekwestru bin-numru 127/2005 (AMT) u tal-kontro-mandat ta' Qbid bin-numru 126/2005 (AMT), skond it-taxxi

ufficjali tal-ispejjez u drittijiet annessi u markati A, B, u C, u dana in forza ta’ skrittura privata annessa u markata D;

Jghid il-konvenut il-ghaliex m’ghandux dan it-Tribunal jikkundannah sabiex ihallas is-somma ta’ mija u wiehed u sebghin liri Maltin u wiehed u disghin centesmi (Lm171.91), dovuti ghar-ragunijiet imsemmija hawn fuq.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta’ Sekwestru (kawtelatorju) bin-numru 28/2007, kif ukoll tal-ittra ufficjali li saret a tenur tal-artikolu 166A tal-Kap. 12, bin-numru 53/2007, kif ukoll tal-ittra ufficjali numru 740/2005.

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Il-konvenut debitament innotifikat bl-avviz tat-talba u bl-avviz tas-smigh fl-14 ta’ Mejju 2007, baqa’ ma dahhal ebda risposta.

Permezz ta’ verbal fl-udjenza tal-10 ta’ Ottubru 2007, l-attur ceda l-kawza a rigward il-meritu stante li fil-mori tal-kawza huwa rnexxielu jizbanka l-ammont indikat fl-avviz tat-talba li kien gie depozitat taht l-awtorita’ tal-Qorti mill-bank sekwestratarju Bank of Valletta plc permezz tac-cedola numru 56/2007, filwaqt li zamm ferm il-kap tal-ispejjez.

Sama’ is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet dwar il-kap tal-ispejjez.

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidra :

Mill-atti jirrizulta li bejn il-partijiet kien intlahaq ftehim permezz tal-iskrittura privata tas-26 ta’ Awwissu 2005, fejn fost hwejjeg ohra l-partijiet kienu ittransigew il-kawza li kellhom bejniethom quddiem il-Qorti Tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri – Sezzjoni Generali fl-ismijiet : Michael Spiteri et vs John Buttigieg [Citazzjoni

numru 30/2000], u ftiehemu li l-ispejjez kollha ta’ dik il-kawza nkluz id-dritt tar-registru u tal-mandati ta’ inibizzjoni numru 21/2000, ta’ sekwestru bin-numru 37/2000, u ta’ qbid bin-numru 38/2000, kif ukoll l-ispejjez tal-kontro-mandati ta’ sekwestru bin-numru 127/2005 u ta’ qbid bin-numru 126/2005 kellhom jithallsu in kwantu ghan-nofs mill-atturi odjerni u in kwantu ghan-nofs l-iehor mill-konvenut John Buttigieg;

Jidher li l-konvenut dam ma hallas minkejja li kien gie nterpellat diversi drabi, tant li l-atturi kienu kostretti li jipprocedu bil-kawza odjerna ghall-hlas fit-termini tal-imsemmija skrittura;

Irrizulta li fil-mori tal-kawza l-konvenut ta l-kunsens tieghu lill-atturi sabiex ikunu jistghu jizbankaw l-ammont li kien gie ddepozitat mill-Bank of Valletta plc taht l-awtorita’ tal-Qorti permezz tac-cedola ta’ depozitu numru 56/2007, debitament ipprezentata fis-27 ta’ Marzu 2007, wara li l-atturi kienu gew kostretti li jipprezentaw kontra l-konvenut il-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju bin-numru 28/2007 fis-27 ta’ Frar 2007;

L-ammont iddepozitat mill-bank sekwestratarju permezz tal-mandat ta’ sekwestru bin-numru 28/2007, li gie debitament zbankat mill-atturi, ma jkoprix l-ispejjez ta’ din il-kawza u tal-ittri ufficjali bin-numri 53/2007 u 740/2005, izda biss l-ispejjez ta’ dak il-mandat;

It-talba tal-atturi ghall-hlas tal-ispejjez tal-kawza u tal-ittri hawn fuq imsemmija tirrizulta ghalhekk gustifikata, billi tali spejjez l-atturi kienu gew kostretti li jaghmluhom minhabba li l-konvenut kien naqas li jonora l-obbligi tieghu tempestivament li kienu gew assunti minnu bl-iskrittura fuq imsemmija, u halla lill-atturi jipprocedu b’din il-kawza u jidhlu f’dawn l-ispejjez kollha inutilment;

Ghadaqstant jaqta’ u jiddeciedi l-kawza billi jikkundanna lill-konvenut John Buttigieg sabiex ihallas lill-atturi l-ispejjez kollha tal-kawza kif ukoll tal-ittri ufficjali bin-numru 53/2007, u dik bin-numru 740/2005.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------